**14 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

C

*versus*

D

**Żwieġ - Artikoli 19(1)(a) u 19(1)(f) tal-Kap. 255**

*Il-ġravidanza prematura u inaspettata tat-tfajla ma tfissirx illi waħidha hija biżżejjed biex iż-żwieġ jitqies li kien null minħabba vizzju fil-kunsens.*

*Biex il-kunsens jiġi kkunsidrat bħala affett minn vjolenza morali, jridu jirriżultaw atti estranji għall-kontendenti.*

*Il-kunsens tal-konvenuti kien jeskludi wieħed mill-elementi l-aktar*

*essenzjali tal-ħajja miżżewġa waqt li l-kunsens kien ivvizzjat minħabba pressjoni fuqu.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti daħlu f'ċerimonja taż-żwieġ fis-7 ta' Jannar, 1989 fil-Paroċċa tal-Kalkara;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet fil-mument taż-żwieġ kien ivvizzjat il-għaliex il-partijiet kienu ġew sfurzati li jiżżewġu peress li l-konvenuta kienet ħarġet tqila;

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat għaliex ma tatx il-kunsens tagħha *ad esclusionem* ta' rġiel oħra u fil-fatt sa ftit granet wara kellha relazzjonijiet ma rġiel oħra;

Premess illi *di più* il-konvenuta tbati minn anomalija psikoloġika u għalhekk ma setgħetx tifhem l-import taż-żwieġ, jingħad li l-istess konvenuta għandha l-vizzju tad-drogi u moħħha biss biex tiġri barra ma' rġiel ta' morali baxxi u fil-fatt imtliet tpinġija;

Premess li l-konvenuta kellha biss 16-il sena fil-mument taż-żwieġ u għalhekk kienet immatura u ma kenitx kapaċi tassumi l-obbligi matrimonjali;

Premess illi għalhekk iż-żwieġ huwa null;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddeċidi din il-kawża billi tiddikjara ż-żwieġ iċċelebrat fis-7 ta' Jannar, 1989 bejn il-kontendenti huwa null u bla effett;

Ikkunsidrat:

Illi mir-riżultanzi proċesswali jidher illi l-kontendenti kienu joħorġu flimkien meta kellhom l-età tenera ta' tmintax-il sena l-attur, u ħmistax-il sena l-konvenuta, u li l-attur għalkemm ftit tas-snin ikbar mill-konvenuta, ma tantx kellu esperjenza tal-ħajja mat-tfajjliet u lanqas dik sesswali; il-konvenuta min-naħa tagħha, għalkemm kienet iżgħar minnu kellha diġà esperjenzi sesswali intimi ma' rġiel u l-attur jispjega kif anke fl-ewwel inkontri intimi tagħhom kienet hi li kienet tispjegalu dak li kellu jsir; wara li kienu ilhom flimkien ftit xhur il-konvenuta ħarget inċinta u huma żżewġu meta hija kellha madwar sitta, seba' xhur tqala;

Illi din hija waħda minn dawk il-kawżi illi l-premessa prinċipali hi bbażata fuq il-fatt li t-tfajla tkun ħarġet inċinta mingħajr preparazzjoni, u li l-kunsens tagħhom kien difettuż peress li kien hemm vjolenza morali użata fuqhom;

Illi l-Qorti ma tarax li hemm l-ebda dubbju li kieku l-konvenuta ma kenitx ħarġet tqila, l-kontendenti ma kinux ser jiżżewġu jew almenu ċertament ma kinux ser jiżżewġu f'dak iż-żmien, meta kienu għadhom ta' età hekk tenera. Kif qal l-abbli Relatur, għall-kontendenti: "l-ideja taż-żwieġ mhux talli kienet remota, talli lanqas biss kienet ġiet konċepita.";

Illi huwa risaput li gravidanza prematura u inaspettata tat-tfajla ma tfissirx illi waħedha hi biżżejjed biex iż-żwieġ jitqies li kien null minħabba vizzju fil-kunsens; tali sitwazzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata biss oġġettivament, imma l-Qorti

għandha teżamina ċ-ċirkostanzi kollha li kienu jeżistu madwar il-*kontendenti* biex b'hekk tkun tista' tasal għal valutazzjoni aħjar ta' dak li kellhom f'rashom l-għarajjes;

Illi kif qal l-imsemmi relatur "l-eżami għandu jkun wieħed soġġetiv." Għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha partikolarment l-età tal-partijiet, kemm kien ilhom joħorġu flimkien, kinux għamlu pjanijiet għaż-żwieġ, minfejn huma, l-ambjent familjari u soċjali tagħhom, etc. Veru jekk dawn il-fatturi wieħed joħodhom separtament, x'aktarx li ma jkunux suffiċjenti biex iwasslu għall-konvinċiment rikjest dwar il-mankanza fil-kunsens, però jekk dawn il-fatturi u ċirkostanzi jittieħdu flimkien, jistgħu jwaddbu dawl biż-żejjed biex wieħed ikun jista' jikkonkludi jekk parti jew oħra tkunx tat il-kunsens tagħha b'mod liberu jew minħabba vjolenza morali, liema vjolenza ġġib ukoll difett fil-kunsens;

*Illi* jrid jiġi ukoll rilevat li biex il-kunsens jiġi kkunsidrat bħala affett minn vjolenza morali, jridu jirriżultaw atti esterni ġejjin minn fatturi estranji għall-kontendenti;

Illi għalhekk f'dan il-każ is-sempliċi fatt li l-konvenuta kienet ħarġet tqila ma kienx suffiċjenti, però l-Qorti għandha teżamina jekk din l-allegata forza kenitx riżultat tal-fatturi estranji;

Illi għalkemm omm il-konvenuta ppreżentat affidavit fejn insistiet illi hija ma ppruvatx tisforza lill-attur biex jiżżewweġ, dan ma jidhirx wisq konvinċenti anke fid-dawl tal-fatt illi l-istess xhud ma tresqitx biex tispjega *viva voce* episodju tant importanti, l-aktar fid-dawl ta' l-istqarrija ċara ta' l-attur, li sa' mill-bidunett iddikjara illi omm il-konvenuta kienet hedditu illi jittieħdu kontra tiegħu passi bil-pulizija peress illi t-tifla tagħha kienet taħt l-età;

Illi ma hemmx dubbju li l-attur kien qed jibża' illi jekk ma jiżżewiġx lill-konvenuta seta' jiġi mressaq quddiem il-Qorti Kriminali fuq abbuż ta' korruzzjoni ta' minorenni; is-sitwazzjoni problematika familjari tal-ġenituri tal-konvenuta ċertament tkun influwenzatu anke f'dan il-biża'; inoltre irriżulta wkoll mill-mod ċar kif xehdu l-ġenituri ta' l-istess attur, illi forsi għax huma wkoll kienu mwerwrin mill-konsegwenzi, eżerċitaw fuqu pressjoni ċara u qawwija biex hu jasal li jiżżewweġ, għalkemm kien għadu ta' età tenera;

Illi l-Qorti taqbel ukoll mal-Perit legali illi l-konvenuta meta żżewġet, għalkemm kienet taf x'qiegħda tagħmel ma dehritx li kienet qed tagħti l-kunsens meħtieġ għall-fedeltà u eskussività għal żewġ elementi essenzjali għal dan il-kuntratt; iż-żwieġ għaliha ma fisser assolutament xejn u ma kien fih ebda forma ta' rabta';

Illi għalkemm ma hemmx provi li l-konvenuta kienet tmur ma' rġiel anke dik il-ħabta tat-tieġ, però konsiderando l-esperjenza li hi diġà kellha preċedentement, u anke mill-mod tassew leġġer li hija kienet tikkoabita ma' Z u mal-mod kif kienet iġġib ruħha ma' l-irġiel, anke fil-presenza ta' l-istess missier ta' l-attur, il-Qorti taqbel mal-konklużjoni peritali li l-kunsens tal-konvenuta kien difettuż peress li kien jeskludi wieħed mill-elementi l-aktar essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

Illi min-naħa l-oħra ma jidhirx li ġie ppruvat sodisfaċentement li fil-mument taż-żwieġ il-konvenuta kienet nieqsa mis-setgħat intelletwali jew ta' rieda b'mod illi dan in-nuqqas seta' jwaqqa' l-validità tal-kunsens minnha mogħti;

Illi l-Qorti għal kull buon fini tadotta u tagħmel tagħha l-imsemmija relazzjoni u dan biex tevita ukoll ripetizzjonijiet inutli;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fis-sebgħa (7) ta' Jannar, 1989 u dan peress li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(a) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ waqt li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minħabba nuqqas ikkontemplat fl-Artikolu 19(1)(f) ta' l-istess Att dwar iż-Żwieġ;

L-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.